



Brussell, 28 ta' Frar 2025
(OR. en)

15344/24

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0410(NLE)

FISC 217
ECOFIN 1265

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jemenda r-
Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti
ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL(UE) 2025/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011
fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 397 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

Billi:

- (1) Għall-funzjonament xieraq tal-mudell tal-fornitur meqjus, għal interfaċċi elettroniċi bħal postijiet ta' swieq, pjattaformi, portali jew mezzi simili li jiffaċilitaw il-provvista ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, kif imsemmi fl-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ċerti elementi tar-regola.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġi ddefinit it-terminu "jiffaċilita" sabiex il-persuni taxxabbli li jiffaċilitaw, permezz tal-użu ta' interfaċċa elektronika bħal suq, pjattaforma, portal, jew mezzi simili, il-provvista ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, jingħataw ċertezza legali dwar jekk ir-regola tal-fornitur meqjus tapplikax għal dawk il-persuni taxxabbli. Jenħtieġ li ċerti fornituri, fosthom dawk li jipprovdu l-elenku jew ir-reklamar ta' tali servizzi, jiġu esklużi b'mod espliċitu mir-regola minħabba li ma jidħlux f'kompetizzjoni diretta ma' setturi tradizzjonali u mhux diġitali.
- (3) Jenħtieġ li persuni taxxabbli li jiffaċilitaw, permezz tal-użu ta' interfaċċa elektronika bħal suq, pjattaforma, portal, jew mezzi simili, il-provvista ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew ta' servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, ma jinżammux responsabbli għall-pagament ta' kwalunkwe taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) dovuta meta jaġixxu fuq informazzjoni pprovduta mill-fornitur sottostanti, jekk dawk il-persuni taxxabbli jkunu jistgħu juru li ma setgħux raġonevolment ikunu jafu li dik l-informazzjoni kienet skorretta.

- (4) Għall-fini tad-determinazzjoni tal-post tal-provvista ta' servizz ta' faċilitazzjoni ipprovdut lil persuna mhux taxxabli permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika bħal suq, pjattaforma, portal, jew mezzi simili, jenħtiegħ li l-persuni taxxabli jkunu jistgħu jidentifikaw faċilment l-istatus tar-riċevitur tas-servizz ta' faċilitazzjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata tali identifikazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-persuni taxxabli, jenħtiegħ li persuna taxxabli tqis lir-riċevitur tas-servizz ta' faċilitazzjoni bħala persuna taxxabli meta jiġi pprovdut numru ta' identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT u bħala persuna mhux taxxabli meta ma jiġi pprovdut l-ebda numru bħal dan, sakemm dik il-persuna taxxabli ma jkollhiex informazzjoni li turi l-kuntrarju.
- (5) Jenħtiegħ li jiġi ċċarat li, fir-rigward tas-servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri, l-iskema speċjali għall-imprezzi ż-żgħar prevista fid-Direttiva 2006/112/KE tista' tapplika biss għall-persuna taxxabli meqjusa li tkun ipprovdiet dawk is-servizzi.
- (6) Fid-Direttiva 2006/112/KE, bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) .../...²⁺ kienet ġiet introdotta skema ta' simplifikazzjoni ta' punt uniku ta' servizz ("OSS") għall-persuni taxxabli li jagħmlu trasferimenti transfronterita' ċerta merkanzija proprja.. Sabiex tiġi implimentata dik l-iskema speċifika fil-qafas ġenerali tal-iskemi speċjali tal-VAT previsti fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, tad-Direttiva 2006/112/KE, jenħtiegħ li fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011³ jiġu stabbiliti regoli speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-identifikazzjoni tal-VAT, mal-kundizzjonijiet għall-esklużjoni, mad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u mal-obbligi taż-żamma tar-rekords.

² Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali (ĠU L, ..., ..., p. ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li jinsab fid-dokument st15342 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/282/oj).

- (7) Peress li l-iskema ta' simplifikazzjoni tal-OSS introdotta hija komprensiva u ser tinkludi movimenti transfruntieri ta' merkanzija koperti minn arranġamenti dwar l-istokk f'kunsinna kuntrattat, dawk l-arranġamenti tneħħew mid-Direttiva 2006/112/KE. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-arranġamenti dwar l-istokk f'kunsinna kuntrattat ma għadhomx meħtieġa, u għalhekk jenħtieġ li jitħassru mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011.
- (8) Skont l-Artikolu 242a tad-Direttiva 2006/112/KE, il-persuni taxxabbli li jiffaċilitaw, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika bħal suq, pjattaforma, portal jew mezzi simili, il-provvista ta' merkanzija jew servizzi lil persuna mhux taxxabbli fil-Komunità f'konformità mat-Titolu V ta' dik id-Direttiva huma obbligati jżommu rekords ta' dawk il-provvisti. Madankollu, l-informazzjoni hija meħtieġa biss fir-rigward tal-provvisti ta' merkanzija jew servizzi li huma ffaċilitati mill-interfaċċa elettronika u mhijiex meħtieġa f'każijiet fejn applika r-regola tal-fornitur meqjus. Sabiex tiġi appoġġata l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, jenħtieġ li tali informazzjoni relatata mal-fornituri sottostanti tiġi inkluża wkoll fis-sett obbligatorju ta' informazzjoni li għandu jinżamm minn fornituri meqjusa li huma rreġistrati biex jużaw l-iskemi speċjali ta' simplifikazzjonital-OSS. Jenħtieġ li dawk l-elementi addizzjonali tad-data jippermettu tqabbil tal-informazzjoni rrapportata mill-pjattaformi mad-data dwar il-pagamenti fuq tranżazzjonijiet transfruntieri disponibbli fis-sistema elettronika ċentrali tal-informazzjoni dwar il-pagamenti stabbilita skont il-Kapitolu V, it-Taqsima 2, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010⁴, u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1, , ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/904/oj>).

- (9) Wara l-introduzzjoni, fid-Direttiva 2006/112/KE, ta' obbligu għall-persuni taxxabbli li jittrasferixxu l-merkanzija ta' persuna taxxabbli oħra li jinfurmaw lis-sid tal-merkanzija li l-merkanzija tagħhom qed tiġi jew ser tiġi ttrasferita, jenħtieġ li jiġi çcarat liema data speċifika għandha tiġi kkomunikata lis-sid tal-merkanzija.
- (10) L-elementi tad-Direttiva 2006/112/KE li jeħtieġu emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 għandhom jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-Istati Membri sat-30 ta' Ġunju 2028. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-emendi għal dak ir-Regolament ikunu applikabbli mill-1 ta' Lulju 2028.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 9b

1. Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE, it-terminu "jiffaċilita" jfisser l-użu ta' interfaċċa elettronika minn persuna taxxabli biex klijent u fornitur li joffru provvisti, fi ħdan l-Unjoni, ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew ta' servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri permezz tal-interfaċċa elettronika jkunu jistgħu jidħlu f'kontatt, li jirriżulta fi provvista ta' tali servizzi permezz ta' dik l-interfaċċa elettronika.
2. Persuna taxxabli ma għandhiex titqies li tiffaċilita provvista ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) dik il-persuna taxxabli ma tistabilixxix, direttament jew indirettament, kwalunkwe wieħed mit-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom issir il-provvista;
 - (b) dik il-persuna taxxabli mhijiex, direttament jew indirettament, involuta fl-awtorizzazzjoni tal-ħlas lill-klijent fir-rigward tal-pagamenti li jkunu saru;
 - (c) dik il-persuna taxxabli mhijiex, direttament jew indirettament, involuta fil-forniment ta' dik il-provvista.

3. L-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE ma għandux japplika għal persuna taxxabbli li tipprovdi biss waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) l-ipproċessar ta' pagamenti fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri;
 - (b) l-elenkar jew ir-reklamar ta' servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri;
 - (c) id-direzzjonar mill-ġdid jew it-trasferiment tal-klijenti lejn interfaċċi elettroniċi oħra fejn is-servizzi ta' kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir jew servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri huma offruti għall-bejgħ, mingħajr l-ebda intervent ieħor fil-provvista.

4. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE ma għandux japplika għal persuna taxxabbli li tipprovdi l-mezzi li bihom l-ispiża tas-servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri tista' tinqasam bejn l-utent u l-persuna li tipprovdi t-trasport.

Artikolu 9c

Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizzi għandha tipprovdi n-numru ta' identifikazzjoni tagħha għall-finijiet tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni allokat lilha f'konformità mal-Artikolu 362 jew 369d ta' dik id-Direttiva, kif imsemmi fl-Artikolu 28a(1), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 28a(1), il-punt (b), ta' dik id-Direttiva lill-persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista darba biss, sakemm ma jkunx hemm bidla fl-attività tagħha bħala persuna taxxabbli.

Meta servizz tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri iseħħ f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizz għandha tipprovdi lill-persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista n-numru ta' identifikazzjoni għall-finijiet tal-VAT allokat lilha minn kull Stat Membru li fih iseħħ it-trasport, jew in-numru ta' identifikazzjoni allokat lilha f'konformità mal-Artikoli 362 jew 369d tad-Direttiva 2006/112/KE.

Artikolu 9d

Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE, fejn, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-persuna li tforni s-servizzi sottostanti, persuna taxxabbli ma taġixxix bħala l-fornitur meqjus, dik il-persuna taxxabbli ma għandhiex tinżamm responsabbli għall-pagament tal-VAT dovuta meta sussegwentement jinstab li dik il-persuna taxxabbli kellha titqies bħala l-fornitur, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-persuna taxxabbli tkun dipendenti fuq l-informazzjoni pprovduta mill-fornitur tas-servizzi;
- (b) l-informazzjoni pprovduta mill-fornitur tas-servizzi tkun żbaljata;
- (c) il-persuna taxxabbli tista' turi li ma kinitx u ma setgħetx raġonevolment tkun taf li dik l-informazzjoni kienet żbaljata.

Artikolu 9e

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-post tal-provvista ta' servizz ta' faċilitazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46a tad-Direttiva 2006/112/KE, il-persuna taxxabbli għandha tqis lill-persuna li lilha jkun ġie fornui dak is-servizz bħala persuna mhux taxxabbli fejn dik il-persuna li lilha jkunu ġie fornui dak is-servizz ma tipprovdix numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, sakemm dik il-persuna taxxabbli ma jkollhiex informazzjoni għall-kuntrarju.

Artikolu 9f

L-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 98(2), u l-Artikoli 371, 378, 379 sa 386 u 388 sa 390c tad-Direttiva 2006/112/KE xorta għandhom japplikaw meta l-persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista ta' servizzi titqies li tkun rċeviet u pprovdiet dawk is-servizzi hija stess skont l-Artikolu 28a ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 9g

Meta persuna taxxabbli titqies li tkun irċeviet u pprovdiet is-servizzi msemmija fl-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE hija stess, il-provvista ta' dawk is-servizzi tista' tkun soġġetta għall-iskema speċjali prevista fit-Titolu XII, il-Kapitolu 1, ta' dik id-Direttiva jekk dik il-persuna taxxabbli tissodisfa l-kundizzjonijiet għal dik l-iskema speċjali.

Il-provvista tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE pprovduta lil persuna taxxabbli li titqies li tkun irċeviet u pprovdiet dawk is-servizzi hija stess, ma għandhiextkun soġġetta għall-iskema speċjali prevista fit-Titolu XII, il-Kapitolu 1, ta' dik id-Direttiva. ";

(2) fl-Artikolu 13a, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-post fejn persuna ġuridika mhux taxxabli hi stabbilita, kif imsemmi fl-Artikolu 54(1), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 56(2), l-ewwel subparagrafu, u fl-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2006/112/KE, għandu jkun:

(3) fl-Artikolu 18(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, irrispettivament minn informazzjoni li turi l-kuntrarju, il-fornitur ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir jew servizzi pprovduti elettronikament, jew ta' servizzi skont l-Artikolu 54(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, jista' jikkunsidra lil klijent stabbilit fil-Komunità bħala persuna mhux taxxabli dment li dak il-klijent ma jkunx ikkomunika n-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT individwali tiegħu lill-fornitur ta' dawk is-servizzi..";

(4) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta, f'konformità mal-Artikolu 54(1), it-tieni subparagrafu, u l-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2006/112/KE, provvista ta' servizzi tkun taxxabli fil-post fejn ikun stabbilit il-klijent, jew, fin-nuqqas ta' stabbiliment, fil-post fejn il-klijent ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew ir-residenza tas-soltu tiegħu, il-fornitur għandu jistabbilixxi dak il-post abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-klijent, u jivverifika dik l-informazzjoni permezz ta' miżuri ta' sigurtà kummerċjali normali bħal ma huma dawk rigward kontrolli ta' identità jew ta' pagament.";

(5) fl-Artikolu 24b, l-ewwel paragrafu, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 54(1), it-tieni subparagrafu, jew tal-Artikolu 58 tad-Direttiva 2006/112/KE, fejn l-attivitajiet jiġu lstreamjati jew inkella jitpoġġew virtwalment għad-dispożizzjoni ta' persuna mhux taxxabbli, jew fejn is-servizzi tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir jew servizzi pprovduti elettronikament jiġu pprovduti lil persuna mhux taxxabbli:";

(6) fl-Artikolu 24d, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta fornitur jipprovdi servizz skont l-Artikolu 54(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, jew servizz elenkat fl-Artikolu 58(1) ta' dik id-Direttiva, il-fornitur jista' jirribatti preżunzjoni msemmija fl-Artikolu 24a jew l-Artikolu 24b, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), (b) jew (c), ta' dan ir-Regolament abbażi ta' tliet elementi ta' evidenza mhux kontradittorji li jindikaw li l-klijent hu stabbilit, għandu l-indirizz permanenti tiegħu jew normalment hu residenti x'imkien ieħor.";

(7) fl-Artikolu 24f, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli fl-Artikolu 54(1), it-tieni subparagrafu, jew l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2006/112/KE u l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 24b, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), jew tal-Artikolu 24d(1) ta' dan ir-Regolament, dan li ġej għandu, b'mod partikolari, iservi bħala evidenza:";

(8) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 30

1. Il-provvista ta' servizzi ta' intermedjarji kif imsemmija fl-Artikolu 46 tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jkopri s-servizzi ta' intermedjarji li jaġixxu f'isem u għan-nom tar-reċipjent tas-servizz akkwistat u s-servizzi mwettqa minn intermedjarji li jaġixxu f'isem u għan-nom tal-fornitur tas-servizzi akkwistati.
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 46a tad-Direttiva 2006/112/KE, it-terminu "servizz ta' faċilitazzjoni" jfisser servizz ipprovdut minn persuna taxxabli lil klijent jew lil fornitur, jew lit-tnejn, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika bħal post tas-suq, pjattaforma, portal jew mezzi simili, biex b'hekk il-klijent u l-fornitur ikunu jistgħu jidħlu f'kuntatt li jirriżulta fi provvista ta' merkanzija jew servizzi permezz ta' dik l-interfaċċa elettronika.

Servizz ta' faċilitazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jitqies bħala distint u indipendenti mill-merkanzija jew mis-servizzi li l-persuna taxxabli titqies li tipprovd.

3. Persuna taxxabli ma għandhiex titqies li tipprovd "servizz ta' faċilitazzjoni" meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) dik il-persuna taxxabli ma tistabilixxix, direttament jew indirettament, kwalunkwe wieħed mit-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom issir il-provvista;

- (b) dik il-persuna taxxabbli mhijiex, direttament jew indirettament, involuta fl-awtorizzazzjoni tal-ħlas lill-klijent fir-rigward ta' pagament li jkun sar;
 - (c) dik il-persuna taxxabbli mhijiex, direttament jew indirettament, involuta fil-forniment ta' dik il-provvista.
4. L-Artikolu 46a tad-Direttiva 2006/112/KE ma għandux japplika għal persuna taxxabbli li tipprovdi biss waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
- (a) l-ipproċessar tal-pagamenti fir-rigward tal-provvista;
 - (b) l-elenkar jew ir-reklamar tal-merkanzija jew tas-servizzi;
 - (c) id-direzzjonar mill-ġdid jew it-trasferiment tal-klijenti lejn interfaċċi elettroniċi oħra fejn il-merkanzija jew is-servizzi huma offruti għall-bejgħ, mingħajr ebda intervent ulterjuri fil-provvista.";
- (9) fl-Artikolu 54a, jiżdied il-paragrafu li ġej:
- "3. Din it-Taqsima għandha tieqaf tapplika fil-30 ta' Ġunju 2029.";
- (10) fl-Artikolu 54c(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(b) id-deskrizzjoni tal-merkanzija, il-valur tagħha, il-post fejn jibda u jispiċċa d-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija, flimkien mal-ħin tal-provvista u, jekk disponibbli, in-numru tal-ordni jew in-numru uniku tat-tranżazzjoni";

(11) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 54d

L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-Artikolu 242b tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jkun fiha dan li ġej:

- (a) l-Istat Membru li minnu tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija;
- (b) l-Istat Membru li lilu tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija;
- (c) id-deskrizzjoni u l-kwantità tal-merkanzija trasferita;
- (d) id-data tad-dispaċċ jew tat-trasport.";

(12) fil-Kapitolu XI, it-Taqsima 2, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA 2

SKEMI SPEĊJALI GĦALL-PERSUNI TAXXABBLI LI JIPPROVDU SERVIZZI LIL PERSUNI MHUX TAXXABBLI JEW LI JAGĦMLU BEJGĦ MILL-BOGĦOD TA' MERKANZIJA, ĊERTI PROVVISTI DOMESTIĊI TA' MERKANZIJA JEW TRASFERIMENTI TA' MERKANZIJA PROPRJA

(L-ARTIKOLI 358 SA 369XK TAD-DIRETTIVA 2006/112/KE)";

(13) l-Artikolu 57a huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(2) “Skema tal-Unjoni” tfisser l-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza intra-Komunitarja ta' oġġetti, għal ċerti provvisti ta' oġġetti fi Stat Membru minn persuna taxxabbli u għal ċerti servizzi pprovduti minn persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru tal-konsum kif stabbilit fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3, tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE;”;

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(3a) skema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja” tfisser l-iskema speċjali għal trasferimenti ta' merkanzija proprja kif stabbilit fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 5, tad-Direttiva 2006/112/KE;”;

(c) il-punti (4) u (5) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(4) "skema speċjali" tfisser l-iskema mhux tal-Unjoni, l-iskema tal-Unjoni, l-iskema ta' importazzjoni jew l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja, kif definiti fil-punti (1), (2), (3) u (3a), rispettivament, kif jirrikjedi l-kuntest;

(5) "persuna taxxabbli" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) persuna taxxabbli kif imsemmi fl-Artikolu 359 tad-Direttiva 2006/112/KE li għandha permess tuża l-iskema mhux tal-Unjoni;

(b) persuna taxxabbli kif imsemmi fl-Artikolu 369b tad-Direttiva 2006/112/KE li għandha permess tuża l-iskema tal-Unjoni;

- (c) persuna taxxabli kif imsemmi fl-Artikolu 369m tad-Direttiva 2006/112/KE li għandha permess tuża l-iskema ta' importazzjoni;
- (d) persuna taxxabli kif imsemmi fl-Artikolu 369xb tad-Direttiva 2006/112/KE li għandha permess tuża l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja;"

(14) fl-Artikolu 57d, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta persuna taxxabli tinforma lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni li għandha l-ħsieb li tagħmel użu mill-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja, dik l-iskema speċjali għandha tapplika mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju ta' wara.

Madankollu, meta l-ewwel trasferiment ta' merkanzija li għandu jkun kopert mill-iskema ta' trasferimenti ta' merkanzija proprja jseħħ qabel id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu, dik l-iskema speċjali għandha tapplika mid-data ta' dak l-ewwel trasferiment, dment li l-persuna taxxabli tinforma lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni dwar il-bidu tal-attivitàjiet tagħha li għandhom jiġu koperti mill-iskema speċjali, mhux aktar tard mill-għaxar jum tax-xahar wara dak l-ewwel trasferiment.";

(15) fl-Artikolu 57e, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jidentifika l-persuna taxxabli li tuża l-iskema ta' trasferimenti ta' merkanzija proprja permezz tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' dik il-persuna taxxabli msemmi fl-Artikoli 214 u 215 tad-Direttiva 2006/112/KE.";

(16) l-Artikolu 57f huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jinbidel f'konformità mat-tieni subparagrafu, dik il-bidla għandha tapplika wkoll, jekk applikabbli, għar-reġistrazzjoni għall-iskema ta' trasferimenti ta' merkanzija proprja.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta persuna taxxabli li tuża l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-definizzjoni stabbilita f-Artikolu 369xa(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istat Membru li fih tkun ġiet identifikata dik il-persuna taxxabli ma għandux jibqa' l-Istat Membru ta' identifikazzjoni.

Madankollu, meta dik il-persuna taxxabli tkun għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-iskema ta' trasferimenti ta' merkanzija proprja., dik il-persuna taxxabli għandha, sabiex tkompli tuża dik l-iskema speċjali, tindika, bħala l-Istat Membru l-ġdid ta' identifikazzjoni, l-Istat Membru li fih dik il-persuna taxxabli tkun stabbiliet in-negozju tagħha jew, jekk dik il-persuna taxxabli ma tkunx stabbiliet in-negozju tagħha fil-Komunità, Stat Membru fejn dik il-persuna taxxabli jkollha stabbiliment fiss. Meta l-persuna taxxabli li tuża l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja ma tkunx stabbilita fil-Komunità, dik il-persuna taxxabli għandha tindika, bħala l-Istat Membru l-ġdid ta' identifikazzjoni, Stat Membru li minnu tibgħat jew tittrasporta l-merkanzija.

Meta l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jinbidel f'konformità mat-tieni subparagrafu, dik il-bidla għandha tapplika mid-data li fiha l-persuna taxxabli ma jibqax ikollha post tan-negozju jew stabbiliment fiss fl-Istat Membru li qabel kien indikat bħala l-Istat Membru ta' identifikazzjoni, jew mid-data li fiha dik il-persuna taxxabli ma tibqax tibgħat jew tittrasporta l-merkanzija minn dak l-Istat Membru.

Meta l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jinbidel f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dik il-bidla għandha tapplika wkoll, jekk applikabbli, għar-reġistrazzjoni għall-iskema speċjali kif stabbilit fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3, tad-Direttiva 2006/112/KE.";

(17) fl-Artikolu 57g, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Persuna taxxabli li tuża l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja tista' tieqaf tuża dik l-iskema speċjali irrispettivament minn jekk dik il-persuna taxxabli tkomplex tittrasferixxi merkanzija li tista' tkun eliġibbli għal dik l-iskema speċjali. Il-persuna taxxabli għandha tinforma lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni mill-inqas 15-il jum qabel tmiem ix-xahar kalendarju ta' qabel dak li fih dik il-persuna taxxabli tkun biħsiebha tieqaf tuża l-iskema speċjali. Il-waqfien għandu jkun effettiv mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju li jmiss. L-obbligi tal-VAT relatati mat-trasferimenti ta' merkanzija proprja li jirriżultaw wara d-data li fiha l-waqfien ikun sar effettiv għandhom jitwettqu direttament għand l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri li minnhom u li lilhom tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportatal-merkanzija..";

(18) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta persuna taxxabbli li tuża waħda mill-iskemi speċjali tissodisfa kriterju wieħed jew aktar mill-kriterji għall-esklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 369e jew l-Artikolu 369xe tad-Direttiva 2006/112/KE, jew għat-tħassir mir-reġistru ta' identifikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 363 jew l-Artikolu 369r(1) u (3) ta' dik id-Direttiva, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jeskludi lill-persuna taxxabbli minn dik l-iskema speċjali.

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni biss jista' jeskludi persuna taxxabbli minn waħda mill-iskemi speċjali.

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar l-esklużjoni jew it-tħassir fuq kwalunkwe informazzjoni disponibbli, inkluża informazzjoni pprovduta minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-esklużjoni ta' persuna taxxabbli mill-iskema ta' trasferimenti ta' merkanzija proprja għandha tkun effettiva mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara l-jum li fih id-deċiżjoni dwar l-esklużjoni tintbagħat b'mezzi elettroniċi lill-persuna taxxabbli. Madankollu, meta l-esklużjoni tkun dovuta għal bidla fil-post tan-negozju jew fl-istabbiliment fiss, jew tal-post minn fejn jibdew id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija, l-esklużjoni għandha tkun effettiva mid-data ta' dik il-bidla.";

(19) l-Artikolu 58a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 58a

Persuna taxxabbli li tuża skema speċjali li, għal perjodu ta' sentejn, ma tkun għamlet l-ebda provvista ta' merkanzija jew ta' servizzi jew l-ebda trasferiment ta' merkanzija proprja koperti minn dik l-iskema speċjali għandha titqies li tkun waqfet l-attivitajiet taxxabbli tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 363, il-punt (b), l-Artikolu 369e, il-punt (b), l-Artikolu 369r(1), il-punt (b), l-Artikolu 369r(3), il-punt (b), jew l-Artikolu 369xe, il-punt (b) tad-Direttiva 2006/112/KE. Dak il-waqfien ma għandux jipprekludi l-użu ta' skema speċjali jekk dik il-persuna taxxabbli terġa' tibda l-attivitajiet tagħha koperti minn kwalunkwe skema speċjali prevista fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, ta' dik id-Direttiva.";

(20) fl-Artikolu 58b, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Persuna taxxabbli jew intermedjarju għandhom jitqiesu li naqsu b'mod persistenti milli jikkonformaw mar-regoli relatati ma' waħda mill-iskemi speċjali, skont it-tifsira tal-Artikolu 363, il-punt (d), l-Artikolu 369e, il-punt (d), l-Artikolu 369r(1), il-punt (d), l-Artikolu 369r(2), il-punt (c), l-Artikolu 369r(3), il-punt (d), jew l-Artikolu 369xe, il-punt (d) tad-Direttiva 2006/112/KE, fil-każijiet li ġejjin:

- (a) meta jkunu nħarġu tfakkiriet skont l-Artikolu 60a ta' dan ir-Regolament lill-persuna taxxabbli, jew lill-intermedjarju li jaġixxi f'isimha mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni għal tliet perjodi tad-dikjarazzjoni immedjatament preċedenti u d-dikjarazzjoni tal-VAT ma tkunx ġiet sottomessa għal kull wieħed minn dawk il-perjodi tad-dikjarazzjoni fi żmien 10 ijiem wara li tkun intbagħtet it-tfakkira;

- (b) meta tkun inħarġet tfakkira skont l-Artikolu 63a ta' dan ir-Regolament lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju li jaġixxi f'isimha mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni għal tliet perjodi tad-dikjarazzjoni immedjatament preċedenti, u ma jkunx tħallas l-ammont sħiħ tal-VAT iddikjarat minn dik il-persuna taxxabbli, jew mill-intermedjarju li jaġixxi f'isimha għal kull wieħed minn dawk il-perjodi tad-dikjarazzjoni fi żmien 10 ijiem wara li tkun intbagħtet it-tfakkira, ħlief meta l-ammont mhux imħallas li jifdal ikun inqas minn EUR 100 għal kull perjodu tad-dikjarazzjoni;
- (c) meta, wara talba mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, u xahar wara tfakkira sussegwenti mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, il-persuna taxxabbli, jew l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha jkunu naqsu milli jaġhmlu disponibbli elettronikament ir-rekords imsemmija fl-Artikoli 369, 369k, 369x u 369xk tad-Direttiva 2006/112/KE.";

(21) l-Artikolu 58c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 58c

Persuna taxxabbli li tkun ġiet eskluża mill-iskema mhux tal-Unjoni, mill-iskema tal-Unjoni jew mill-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja għandha twettaq l-obbligi kollha tal-VAT relatati mal-provvisti ta' merkanzija jew ta' servizzi, jew trasferimenti ta' merkanzija proprja, li jirriżultaw wara d-data li fiha l-esklużjoni tkun saret effettiva direttament għand l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru tal-konsum ikkonċernat jew mal-Istati Membri li minnhom u lilhom il-merkanzija tkun intbagħtet jew ġiet trasportata.";

(22) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kwalunkwe perjodu tad-dikjarazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 364, 369f, 369s jew 369xf tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jkun perjodu tad-dikjarazzjoni separat.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Meta, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 57d(3), l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija propja tapplika mid-data tal-ewwel trasferiment, il-persuna taxxabli għandha tippreżenta dikjarazzjoni tal-VAT separata għax-xahar kalendarju li matulu jkun seħħ l-ewwel trasferiment.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta persuna taxxabli tkun ġiet irreġistrata taħt l-iskema tal-Unjoni u dik mhux tal-Unjoni waqt perjodu ta' dikjarazzjoni, dik il-persuna taxxabli għandha tippreżenta dikjarazzjonijiet tal-VAT u, fejn applikabbli, tagħmel il-pagamenti korrispondenti lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni għal kull skema fir-rigward tal-provvisti magħmula u l-perjodi koperti minn dik l-iskema.;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Meta persuna taxxabbli tkun ġiet irreġistrata taħt l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja matul perjodu ta' dikjarazzjoni, dik il-persuna taxxabbli għandha tissottometti dikjarazzjonijiet tal-VAT lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni fir-rigward tat-trasferimenti magħmula u l-perjodi koperti minn dik l-iskema speċjali.",

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jinbidel f'konformità mal-Artikolu 57f wara l-ewwel jum tal-perjodu tad-dikjarazzjoni inkwistjoni, il-persuna taxxabbli jew l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet tal-VAT u, fejn applikabbli, jaġmel pagamenti korrispondenti kemm lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni preċedenti kif ukoll lill-Istat Membru l-ġdid li jkopru l-provvisti magħmula matul il-perjodi rispettivi li fihom dawk l-Istati Membri kienu l-Istat Membru ta' identifikazzjoni.";

(23) l-Artikolu 59a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 59a

Meta persuna taxxabbli li tuża skema speċjali ma tkun ipprovdiet l-ebda merkanzija jew servizz fl-ebda Stat Membru ta' konsum taħt dik l-iskema speċjali jew ma tkun għamlet l-ebda trasferiment ta' merkanzija proprja taħt l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja matul perjodu tad-dikjarazzjoni u ma jkollha l-ebda korrezzjoni x'taġmel fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet tal-VAT preċedenti, il-persuna taxxabbli, jew l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha għandu jissottometti dikjarazzjoni tal-VAT li tindika li ma saret l-ebda provvista jew trasferiment matul dak il-perjodu (dikjarazzjoni tal-VAT zero).";

(24) l-Artikolu 60a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 60a

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jfakkar, b'mezzi elettroniċi, lill-persuni taxxabli, jew lill-intermedjarji li jaġixxu fisimhom, li jkunu naqsu milli jissottomettu dikjarazzjoni tal-VAT skont l-Artikolu 364, 369f, 369s jew 369xf tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-obbligu tagħhom li jissottomettu din id-dikjarazzjoni tal-VAT. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu joħroġ it-tfakkira fl-għaxar jum wara dak li fih kellha tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni, u għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra b'mezzi elettroniċi li tkun inħarġet tfakkira.

Kwalunkwe tfakkira u pass sussegwenti meħuda biex tiġi vvalutata u miġbura l-VAT għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istat Membru tal-konsum ikkonċernat jew tal-Istati Membri li minnhom u lilhom tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija.

Minkejja kwalunkwe tfakkira maħruġa u kwalunkwe pass meħud minn Stat Membru tal-konsum jew minn Stati Membri li minnhom u lilhom tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija, il-persuna taxxabli jew l-intermedjarju li jaġixxi fisimha għandu jissottometti d-dikjarazzjoni tal-VAT lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni.";

(25) l-Artikolu 61 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 61

"1. Il-bidliet fiċ-ċifri li jinsabu f'dikjarazzjoni tal-VAT relatata mal-perjodi sat-tieni perjodu ta' dikjarazzjoni fl-2021, b'dan inkluż, għandhom, wara s-sottomissjoni ta' dik id-dikjarazzjoni tal-VAT, isiru biss permezz ta' emendi għal dik id-dikjarazzjoni tal-VAT u mhux permezz ta' aġġustamenti f'dikjarazzjoni tal-VAT sussegwenti.

Il-bidliet fiċ-ċifri li jinsabu f'dikjarazzjoni tal-VAT relatata ma' perjodi mit-tielet perjodu ta' dikjarazzjoni fl-2021 għandhom, sad-data li fiha d-dikjarazzjoni tal-VAT hija meħtieġa li tiġi sottomessa f'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE, għandhom jiġu inklużi f'dik id-dikjarazzjoni tal-VAT. Il-bidliet fiċ-ċifri li jinsabu f'dikjarazzjoni tal-VAT relatata ma' perjodi mit-tielet perjodu ta' dikjarazzjoni fl-2021 għandhom, wara d-data li fiha d-dikjarazzjoni tal-VAT kienet meħtieġa li tiġi sottomessa f'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE, isiru biss permezz ta' aġġustamenti f'dikjarazzjoni tal-VAT sussegwenti.

2. L-emendi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni fi żmien tliet snin mid-data li fiha kien meħtieġ li tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-VAT inizjali.

Madankollu, ir-regoli tal-Istat Membru tal-konsum jew tal-Istati Membri li minnhom u fihom tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija, dwar valutazzjonijiet u emendi għandhom jibqgħu mhux affettwati.";

(26) l-Artikolu 61a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 61a

1. Persuna taxxabli jew intermedjarju li jaġixxi f'isimha għandhom jissottomettu d-dikjarazzjoni finali tal-VAT u kwalunkwe sottomissjoni tard ta' dikjarazzjonijiet tal-VAT preċedenti, u l-pagamenti korrispondenti, fejn rilevanti, lill-Istat Membru li kien l-Istat Membru ta' identifikazzjoni fiż-żmien tal-waqfien, tal-esklużjoni jew tal-bidla meta dik il-persuna taxxabli:

- (a) ma tibqax tuża waħda mill-iskemi speċjali;
- (b) tkun eskluża minn waħda mill-iskemi speċjali;
- (c) tibdel l-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 57f.

Kwalunkwe korrezzjoni għad-dikjarazzjoni finali tal-VAT u għad-dikjarazzjonijiet tal-VAT preċedenti li tirriżulta wara s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni finali tal-VAT għandha titwettaq direttament għand l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru tal-konsum ikkonċernat jew l-Istati Membri li minnhom u lilhom tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija.

2. Fir-rigward ta' kull persuna taxxabli li f'isimha jkun qed jaġixxi intermedjarju, l-intermedjarju għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet finali tal-VAT u kwalunkwe sottomissjoni tard ta' dikjarazzjonijiet preċedenti tal-VAT, u l-pagamenti korrispondenti, fejn rilevanti, lill-Istat Membru li kien l-Istat Membru ta' identifikazzjoni fiż-żmien tat-tħassir jew tal-bidla meta dak l-intermedjarju:

- (a) jitħassar mir-reġistru ta' identifikazzjoni;

(b) jibdel l-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 57f(2).

Kwalunkwe korrezzjoni għad-dikjarazzjoni finali tal-VAT u għad-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-VAT li tirriżulta wara s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni finali tal-VAT għandha titwettaq direttament għand l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru tal-konsum ikkonċernat jew l-Istati Membri li minnhom u lilhom tkun intbagħtet jew għet ittrasportata l-merkanzija.";

(27) l-Artikolu 63c huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) it-tip ta' servizzi jew id-deskrizzjoni u l-kwantità ta' merkanzija pprovduta; b'indikazzjoni, fejn applikabbli, jekk hijiex provvista f'konformità mal-Artikolu 16, 18 jew 26 tad-Direttiva 2006/112/KE wara trasferiment taħt l-iskema ta' trasferiment ta' oġġetti proprji ";

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) l-informazzjoni rilevanti relatata mal-aġġustamenti f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu X tad-Direttiva 2006/112/KE wara trasferiment taħt l-iskema ta' trasferiment ta' merkanzija proprja ;

(iii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) ir-rata tal-VAT applikata, fejn rilevanti;"

(iv) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(fa) fil-każ ta' eżenzjoni bid-dritt ta' tnaqqis, referenza għad-dispożizzjoni applikabbli tad-Direttiva 2006/112/KE, jew għad-dispożizzjoni nazzjonali korrispondenti;"

(v) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) l-ammont ta' VAT li għandu jitħallas, bl-indikazzjoni tal-munita użata, meta rilevanti;"

(vi) il-punti (k) u (l) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(k) fir-rigward ta' servizzi, l-informazzjoni użata biex jiġi ddeterminat il-post tal-provvista tas-servizz u, fir-rigward tal-merkanzija, l-informazzjoni użata biex jiġi ddeterminat il-post fejn jibda u jispiċċa d-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija lill-klijent;

(l) kwalunkwe prova ta' ritorn possibbli ta' merkanzija, inkluż l-ammont taxxabli u r-rata tal-VAT applikata, fejn rilevanti;"

(vii) jizzied il-punt li ġej:

"(m) fir-rigward ta' provvisti meta l-persuna taxxabbli titqies li tkun irċeviet u pprovdiert merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a tad-Direttiva 2006/112/KE, l-isem, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku jew is-sit web tal-fornitur li l-provvisti tiegħu huma ffaċilitati permezz tal-użu tal-interfaċċa elettronika, u, jekk disponibbli:

(i) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru tat-taxxa nazzjonali tal-fornitur;

(ii) in-numru tal-kont tal-bank jew in-numru tal-kont virtwali tal-fornitur.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) ir-rata tal-VAT applikata, fejn rilevanti;"

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(fa) fil-każ ta' eżenzjoni bid-dritt ta' tnaqqis, referenza għad-dispożizzjoni applikabbli tad-Direttiva 2006/112/KE, jew għad-dispożizzjoni nazzjonali korrispondenti;"

(iii) jizzied il-punt li ġej:

"(n) fir-rigward ta' provvisti meta l-persuna taxxabli titqies li tkun irċeviet u pprovdiert merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a tad-Direttiva 2006/112/KE, l-isem, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku jew is-sit web tal-fornitur li l-provvisti tiegħu huma ffaċilitati permezz tal-użu tal-interfaċċa elettronika, u, jekk disponibbli:

(i) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru tat-taxxa nazzjonali tal-fornitur;

(ii) in-numru tal-kont tal-bank jew in-numru tal-kont virtwali tal-fornitur.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Sabiex jitqiesu bħala dettaljati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 369xk tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-rekords miżmuma mill-persuna taxxabli għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) fir-rigward tal-Istat Membru li minnu tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija:

(i) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuna taxxabli jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa f'dak l-Istat Membru, jekk ikun hemm;

(ii) l-indirizz li minnu tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija;

- (b) fir-rigward tal-Istat Membru li lilu tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija:
 - (i) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuna taxxabli jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa f'dak l-Istat Membru, jekk ikun hemm;
 - (ii) l-indirizz li fih tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija;
- (c) id-deskrizzjoni u l-kwantità tal-merkanzija mibgħuta jew ittrasportata lejn Stat Membru ieħor, filwaqt li tindika fejn applikabbli jekk dawk humiex oġġetti kapitali kif definiti mill-Istat Membru li lejha intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija;
- (d) id-data tad-dispaċċ jew tat-trasport tal-merkanzija mibgħuta jew ittrasportata lejn Stat Membru ieħor ;
- (e) l-ammont taxxabli, bl-indikazzjoni tal-munita użata;
- (f) kull żieda jew tnaqqis sussegwenti fl-ammont taxxabli;
- (g) fejn tinħareġ awtofattura, l-informazzjoni li tinsab fuq il-fattura;"

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2a ta' dan l-Artikolu għandha tiġi rreġistrata mill-persuna taxxabbli jew mill-intermedjarju li jaġixxi f'isimha b'tali mod li tkun tista' ssir disponibbli b'mezzi elettroniċi mingħajr dewmien u fir-rigward ta' kull servizz jew merkanzija individwali pprovduta, jew ittrasferita. Meta dik il-persuna taxxabbli jew l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha jkunu ntalbu jissottomettu, b'mezzi elettroniċi, ir-rekords imsemmija fl-Artikoli 369, 369k, 369x u 369xk tad-Direttiva 2006/112/KE, u jkunu naqsu milli jissottomettuhom fi żmien 20 jum mid-data tat-talba, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jfakkar lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju li jaġixxi f'isimha biex jissottomettu dawk ir-rekords. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu, b'mezzi elettroniċi, jinforma lill-Istati Membri tal-konsum jew lill-Istati Membri li minnhom u lilhom tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija li t-tfakkira tkun intbagħtet.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2028.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punti (2) sa (7), għandu japplika mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...,

Għall-Kunsill

Il-President
